

Parti oħra fil-proċedura: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea

B'digriet tat-28 ta' Ġunju 2018, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Belġju) fil-11 ta' Mejju 2018 – Oracle Belgium BVBA vs L-Istat Belġjan

(Kawża C-318/18)

(2018/C 294/19)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Oracle Belgium BVBA

Konvenut: L-Istat Belġjan

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' Jannar 2016 (SA.37667), li jgħid li "Kull somma (tal-ghajjnuna evalwata bħala illegali li l-Belġju ta lil Tekelec International sprl u li tikkonsisti f'eżenzjoni ta' taxxa fuq id-dħul imsejħa 'eċċessi' tas-snin fiskali 2009, 2010, 2011 u 2012 li s-Servizz tad-Deċiżjonijiet bil-Quddiem tad-dipartiment fiskali tal-Belġju ta permezz tad-deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2008) li tkun għadha ma ġietx irkuprata mingħand il-benefiċjarji wara l-irkupru deskritt fl-ewwel paragrafu għandha tinġabar mingħand il-grupp ta' impriżi li l-benefiċjarju jappartjeni għalih", għandu, fil-każ ta' xiri tal-benefiċjarju tal-miżura ta' ghajjnuna (Tekelec International sprl) min-naħa ta' grupp ta' kumpanniji ġdid (il-grupp Oracle) wara li l-miżura ta' ghajjnuna tkun intemmet (il-miżura ta' ghajjnuna kienet tapplika għas-snin fiskali 2009, 2010, 2011 u 2012, filwaqt li x-xiri seħħ fl-10 ta' Ġunju 2013) u qabel ma l-Kummissjoni Ewropea fetħet il-proċeduri ta' investigazzjoni tal-legalità tal-miżura ta' ghajjnuna (proċedura mibdija permezz ta' ittra tad-19 ta' Diċembru 2013), jiġi interpretat fis-sens li l-"grupp ta' impriżi li l-benefiċjarju jappartjeni għalih" isir il-grupp ta' kumpanniji tax-xerrej, jew fis-sens li jibqa' l-grupp ta' kumpanniji tal-bejjiegħ?
- 2) Jekk, irrispettivament min-natura (ekonomika jew fiskali) tal-miżura ta' ghajjnuna kkunsidrata illegali, ir-risposta għal din l-ewwel domanda tiddependi mill-kwistjoni jekk il-prezz tax-xiri huwiex konformi jew le mal-prezz tas-suq, fis-sens li l-grupp ta' kumpanniji tal-bejjiegħ jibqa' l-benefiċjarju jekk il-prezz tax-xiri jkun konformi mal-prezz tas-suq, iktar preċiżament jekk il-valur tal-miżura ta' ghajjnuna msemmija huwa inkluż fl-imsemmi prezz, u l-grupp ta' kumpanniji tax-xerrej isir il-benefiċjarju jekk il-prezz tax-xiri jkun inqas mill-prezz tas-suq, iktar preċiżament jekk il-valur tal-miżura ta' ghajjnuna inkwistjoni ma jkunx integrat fil-prezz tax-xiri jew ma jkunx integrat kompletament, fuq min jaqa' l-oneru tal-prova f'każ ta' rkupru tal-miżura ta' ghajjnuna evalwata illegali mingħand il-grupp ta' kumpanniji tax-xerrej jew ta' membru ta' dan il-grupp: il-grupp ta' kumpanniji ġdid jew il-membru tiegħu li ġie mħarrek għandu jipprova li l-prezz tax-xiri huwa konformi mal-prezz tas-suq, jew l-entità li titlob l-irkupru, l-Istat Belġjan, għandu jipprova li l-imsemmi prezz huwa inferjuri mill-prezz tas-suq?
- 3) Jekk, għall-kuntrarju, minħabba n-natura fiskali tal-miżura ta' ghajjnuna inkwistjoni, ir-risposta għall-ewwel domanda ma tiddependix mill-kwistjoni jekk il-prezz tax-xiri kienx jew le konformi mal-prezz tas-suq, fuq liema bażi għandu jiġi ddeterminat il-grupp ta' kumpanniji li, wara x-xiri, huwa l-"grupp ta' impriżi li l-benefiċjarju jappartjeni għalih"?